KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-21 ta' Ottubru 2014[1]

Kawża C-623/13

Ministre de l'Économie et des Finances
vs
Gérard de Ruyter

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza)]

"Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae — Dħul mill-patrimonju — Rabta diretta u suffiċjentement rilevanti bejn kontribuzzjonijiet u leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d'État (Franza) (iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") hija dwar jekk ir-Regolament Nru 1408/71[2] japplikax għal kontribuzzjonijiet li jinġabru fuq dħul mill-patrimonju u li mbagħad jiġu allokati speċifikatament għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali. Ir-risposta għal dik id-domanda toqgħod fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 ta' dak ir-regolament, li jinnumera l-oqsma tas-sigurtà soċjali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tiegħu.

2. F'żewġ sentenzi mogħtija fl-2000[3], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà essenzjalment iddeċidiet li l-"contribution sociale généralisée" (kontribuzzjoni soċjali ġenerali, iktar 'il quddiem iċ-"CSG") u l-"contribution pour le remboursement de la dette sociale" (kontribuzzjoni għall-ħlas lura tad-dejn soċjali, iktar 'il quddiem iċ-"CRDS") miġbura minn Franza fuq dħul minn impjieg u fuq dħul sostitut[4] għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 u, b'hekk, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1408/71. Dak kien hekk għaliex, b'kuntrast ma' imposti maħsuba li jagħmlu tajjeb għall-piż pubbliku ġenerali, l-għan ta' dawk il-kontribuzzjonijiet kien speċifikament u direttament li tkun iffinanzjata s-sigurtà soċjali fi Franza jew biex jinħeles id-defiċit tal-iskema tas-sigurtà soċjali ġenerali Franċiża[5]. Bħala konsegwenza, l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet bħal dawn fuq dħul minn impjieg u dħul sostitut ta' persuni residenti fi Franza iżda suġġetti għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3) u emendat ulterjorment bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 392, p. 1). Ir-Regolament Nru 1408/71 kien issostitwit bir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72). Iżda l-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali għadhom irregolati mir-Regolament Nru 1408/71.

3 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (C-34/98, EU:C:2000:84) u Il-Kummissjoni vs Franza (C-169/98, EU:C:2000:85).

4 — Dawn il-kategoriji ta' dħul ikopru b'mod partikolari salarji u pagi, pensjonijiet u allowances għall-qgħad.

5 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punti 36 u 37) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punti 34 u 35).

ta' Stat Membru ieħor (tipikament għaliex kienu impjegati f'dak l-Istat tal-aħħar) kien instab li ma kienx konsistenti kemm mal-projbizzjoni kontra l-kumulu ta' leġiżlazzjonijiet applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali, stabbilita fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71, u mal-garanziji tat-Trattat dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema u l-libertà tal-istabbiliment.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk dak ir-raġunament japplikax ukoll għal imposti ta' natura simili miġbura minn Franza fuq dħul mill-patrimonju milli fuq dħul minn impjieg jew fuq dħul sostitut. L-objettiv tar-Regolament Nru 1408/71 li jiżgura l-moviment liberu ta' persuni impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-Unjoni Ewropea jfisser li l-iskop tiegħu huwa limitat għal imposti miġbura fuq dħul relatat mal-eżerċizzju ta' attività professjonali?

4. Il-kwistjoni tqum għaliex G. de Ruyter, ċittadin mill-Pajjiżi l-Baxxi residenti fi Franza għal finijiet ta' taxxa, jikkontesta ċ-CSG, iċ-CRDS u l-kontribuzzjonijiet soċjali l-oħra speċifikatament allokati għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali li dak l-Istat Membru jitolbu jħallas fuq dħul li jiġi minn ċerti kuntratti ta' vitalizju li huwa kkonkluda fil-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem il-"vitalizji") u li ma humiex relatati mal-attività professjonali tiegħu. Jargumenta li, minħabba li huwa impjegat fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa għandu jkun suġġett biss għal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru dwar is-sigurtà soċjali.

Leġiżlazzjoni

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

5. Ir-Regolament Nru 1408/71 kien adottat mill-Kunsill abbażi l-iktar tal-Artikolu 51 tat-Trattat KEE (issa l-Artikolu 48 TFUE) biex jikkoordina l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali bejn id-diversi Stati Membri u b'hekk inaqqas hemm jista' jkun l-ostakli li ġġib magħha leġiżlazzjoni nazzjonali għall-moviment liberu tal-ħaddiema kollha, kemm dawk impjegati kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom. Il-preambolu tar-Regolament Nru 1408/71 jgħid b'mod partikolari li:

"[…]

[…] [i]d-dispożizzjonijiet għall-koordinament tal-leġislazzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali jaqgħu fl-ambitu tal-libertà tal-moviment għall-ħaddiema li huma ċittadini ta' l-Istati Membri u għandhom jikkontribwixxu għat-titjib fil-livell tal-għixien u tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg […] [l-ewwel premessa];

[…]

[…] huwa meħtieġ li jkunu rispettati l-karatteristiċi speċjali tal-leġislazzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali u biex titwaqqaf biss sistema ta' koordinazzjoni; [ir-raba' premessa];

[…] meħtieġ, fl-ambitu ta' dak il-koordinament, li tkun iggarantita fl-ugwaljanza tat-trattament tal-Komunità taħt il-leġislazzjonijiet varji nazzjonali lill-ħaddiema li jgħixu fl-Istati Membri u d-dipendenti tagħhom u dawk li jkomplu jgħixu warajhom; […] [il-ħames premessa];

[…]d-dispożizzjonijiet għall-koordinament iridu jiggarantixxu li l-ħaddiema li jiċċaqilqu fil-Komunità u d-dipendenti tagħhom u dawk li jibqgħu warajhom iżommu d-drittijiet u l-vantaġġi li jkunu kisbu u li jkunu fi triqthom biex jiksbu [is-sitt premessa];

[…]

[…] persuni impjegati u dawk impjegati għal rashom li qegħdin jiċċaqilqu fil-Komunità għandhom ikunu suġġetti għall-iskema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss biex ikun evitat t-taħwid fil-leġislazzjonijiet nazzjonali applikabbli u l-kumplikazzjonijiet li jirriżultaw minħabba f'hekk [it-tmien premessa];

[…]

[…] minħabba l-garanzija ta' l-ugwaljanza fit-trattament tal-ħaddiema kollha okkupati fit-territorju ta' l-Istat Membru jkun effettiv kemm jista' jkun, huwa sewwa li tkun determinata bħala l-leġislazzjoni applikabbli, bħala regola ġenerali, dik ta' l-Istat Membru li fih il-persuna kkonċernata tfittex impjieg jew impjieg għal rasha; [l-għaxar premessa];

[…]"

6. L-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jiddefinixxi "persuna impjegata" bħala, b'mod partikolari, "kull persuna li hija assigurata, mingħajr għażla jew fuq bażi volontarja kontinwa, għal kontinġenza waħda jew aktar koperti minn fergħat ta' skema ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom jew bi skema speċjali għal persuni fis-servizz ċivili".

7. Skont l-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71, "leġislazzjoni" tfisser "fejn jidħlu l-Istatuti ta' kull Stat Membru, ir-Regolamenti u dispożizzjonijiet oħra u l-miżuri l-oħra kollha implimentati, preżenti u futuri, marbutin mal-friegħi ta' l-iskemi tassigurtà soċjali koperti bl-Artikolu 4(1) u (2) jew dawk il-benefiċċji non-kontributorji speċjali koperti bl-Artikolu 4(2a)".

8. L-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jiddefinixxi l-persuni li għalihom japplika, jiġifieri "persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom u għall-istudenti li huma jew kienu soġġetti għal-liġijiet ta' Stat Membru jew aktar u li huma persuni ta' nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri jew li huma persuni bla stat jew refuġjati li jgħixu ġewwa t-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll il-membri tal-familji tagħhom jew is-sopravissuti tagħhom.".

9. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71, bit-titolu "Materji koperti", jgħid:

"1. Dan ir-Regolament jkun japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-friegħi segwenti tas-sigurtà soċjali:

(a) il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

(b) il-benefiċċji ta' l-invaliditá, inklużi dawk intenzjonati għall-manteniment u l-miljorament tal-kapaċità tal-qliegħ;

(c) il-benefiċċji tax-xjuħija;

(d) il-benefiċċji tas-superstiti;

(e) benefiċċji fejn jidħlu inċidenti fuq ix-xogħol u mard okkupazzjonali;

(f) għotjiet tal-mewt;

(g) benefiċċji tad-disimpjieg;

(h) benefiċċji tal-familja.

2. Dan ir-Regolament ikun japplika għall-iskemi kollha tas-sigurtà soċjali ġenerali u speċjali, kemm dawk kontributorji kif ukoll dawk non-kontributorji, u għal skemi li għandhom x'jaqsmu mal-lijabiltà ta' xi ħadd li jħaddem jew sid ta' vapur fejn jidħlu l-benefiċċji li għalihom hemm riferenza fil-paragrafu 1.

[…]"

10. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71, li jinsab fit-Titolu II ("Determinazzjoni tal-leġislazzzjoni applikabbli"):

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti [Bla ħsara] għall-Artikoli 14 sa 17:

(a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk ikun jabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

[…]"[6]

Id-dritt Franċiż

11. Skont l-Artikolu 1600-0 C tal-Code général des impôts (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi"), persuni fiżiċi li jkunu residenti fi Franza għal finijiet ta' taxxa jkunu suġġetti għaċ-CSG, abbażi tal-ammont nett adottat għall-stima tat-taxxa fuq id-dħul b'rabta mad-dħul mill-patrimonju elenkat f'dak l-artikolu[7]. Iċ-CSG tinġabar b'mod partikolari fuq "revenus fonciers" (dħul minn immobbli), "rentes viagères constituées à titre onéreux" (vitalizji b'titolu oneruż)[8], "revenus de capitaux mobiliers" (dħul minn investiment kapitali) u ċerti "plus-values" (qligħ kapitali) (Artikolu L. 136-6 tal-Code de la sécurité sociale, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali").

12. Skont l-Artikoli 1600-0 G u 1600-0 H tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, li bl-istess mod għandhom jinqraw flimkien mal-Artikolu L. 136-6 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali, persuni bħal dawn huma wkoll suġġetti għaċ-CRDS, abbażi tal-istess dħul.

13. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 1600-0 Fa tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, fil-verżjoni li tapplika għall-fatti fil-kawża prinċipli, persuni bħal dawn ikunu wkoll suġġetti għal "prélèvement social" (imposta soċjali) ta' 2 % fuq dak id-dħul u, mill-1 ta' Lulju 2004, għal kontribuzzjoni addizzjonali ta' 0.3 % skont l-Artikolu L. 14-10-4 tal-Code de l'action sociale et des familles (Kodiċi tal-Għajnuna Soċjali u tad-Drittijiet tal-Familja). Din tal-aħħar kienet applikata għall-ewwel darba għal dħul mill-patrimonju rċevut fl-2003.

6 — L-Artikoli 14, 14c, 14f u 17 tar-Regolament Nru 1408/71 ma humiex rilevanti għal dawn il-proċeduri.

7 — Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi u tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali ta' Franza msemmija f'din is-sezzjoni huma dawk li l-qorti tar-rinviju tqis li huma applikabbli fil-kawża prinċipali.

8 — Vitalizju b'titolu oneruż huwa prodott ta' assigurazzjoni li bih il-benefiċċjarju tal-vitalizju jixtri, bi ħlas f'daqqa, sensiela ta' pagamenti regolari għall-ġejjieni mill-assiguratur li għandhom ikomplu għal perijodu speċifikat (pereżempju, sakemm il-benefiċjarju tal-vitalizju jmut).

14. Skont il-qorti tar-rinviju, dawk il-kontribuzzjonijiet jintużaw biex jiffinanzjaw l-iskemi obbligatorji ta' sigurtà soċjali fi Franza. Iċ-CSG tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' benefiċċji ta' assigurazzjoni għall-mard, benefiċċji għall-familja, benefiċċji ta' pensjoni mhux kontributorja għax-xjuħija u benefiċċji relatati ma' dipendenza. Iċ-CRDS tingħabar għall-benefiċċju tal-Caisse d'amortissement de la dette sociale (Fond għall-Fidi tad-Dejn Soċjali) u hija maħsuba biex jinħelsu d-defiċits tas-sigurtà soċjali. L-imposta soċjali ta' 2 % tingħabar għall-benefiċċju tal-Caisse nationale d'allocations familiales (Fond Nazzjonali ta' Allowances għall-Familja) u l-Caisse nationale d'assurance vieillesse des travailleurs salariés (Fond Nazzjonali ta' Pensjoni għax-Xjuħija għal Persuni Impjegati). Il-kontribuzzjoni addizzjonali ta' 0.3 % hija assenjata lill-Caisse nationale de solidarité pour l'autonomie (Fond Nazzjonali ta' Solidarjetà għal Indipendenza).

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

15. Gérard de Ruyter ilu residenti fi Franza għal finijiet ta' taxxa mill-1994. Mill-1996 'l hawn, kien impjegat ma' kumpanija stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi. Mill-1997 sal-2004, G. de Ruyter iddikjara dħul magħmul minn salarju, dħul minn kapital ta' investiment, profitti industrijali u kummerċjali u vitalizji. Is-salarju tiegħu oriġina esklużivament mill-Pajjiżi l-Baxxi. Skont il-qorti tar-rinviju, il-vitalizji ma kinux jagħmlu parti mid-dħul tal-impjieg ta' G. de Ruyter għax ma qalx li kienu jiġu minn fond kapitali stabbilit minn qabel li għalih min kien iħaddmu kien ikkontribwixxa.

16. Bħala residenti fi Franza għal finijiet ta' taxxa, G. de Ruyter kien suġġett għat-taxxa fuq id-dħul hemmhekk fuq id-dħul kollu tiegħu, inklużi l-vitalizji tiegħu. Dawn tal-aħħar kienu wkoll suġġetti għaċ-CSG, iċ-CRDS, l-imposta soċjali ta' 2 % u, mill-2003, il-kontribuzzjoni addizzjonali ta' 0.3 % ta' dik l-imposta.

17. Ir-rikorsi ta' G. de Ruyter mid-deċiżjonijiet li kienu jimponu dawk il-kontribuzzjonijiet fuqu quddiem il-qrati amministrattivi tal-ewwel istanza ta' Marseille u Nîmes (Franza) ma ntlaqgħux. Meta appella, il-qorti amministrattiva tal-appell ta' Marseille qalbet is-sentenzi tal-ewwel istanza u eżentat lil G. de Ruyter mid-diversi kontribuzzjonijiet soċjali applikati fuq il-vitalizji li huwa kien irċieva bejn l-1997 u l-2004. Din kienet essenzjalment immotivata mill-fatt li G. de Ruyter kien diġà ġie suġġett għal kontribuzzjonijiet soċjali fuq dak id-dħul fil-Pajjiżi l-Baxxi. Konsegwentement, l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali soċjali fi Franza kien jikkostitwixxi ostaklu għad-drittijiet tal-moviment liberu tiegħu.

18. Il-Ministru tal-Baġit, il-Kontijiet Pubbliċi, is-Servizz Ċivili u r-Riforma tal-Istat (iktar 'il quddiem "il-Ministru") appella kontra dawk is-sentenzi quddiem il-Conseil d'État, li annullathom minħabba li l-qorti amministrattiva tal-appell kienet żbaljat fid-dritt meta rriteniet li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni kienu jiksru d-dritt ta' min iħallas it-taxxi għal moviment liberu fl-Unjoni Ewropea, mingħajr ma eżaminat jekk l-Unjoni Ewropea kinitx adottat miżuri maħsuba biex itemmu tassazzjoni doppja bħal dik. Quddiem il-Conseil d'État, G. de Ruyter isostni li, skont il-projbizzjoni tal-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli stabbilita fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71, huwa għandu jkun suġġett biss għal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Ministru essenzjalment jafferma li r-rabta bejn iċ-CSG, iċ-CRDS, l-imposta soċjali u l-kontribuzzjoni addizzjonali, minn naħa, u l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali, min-naħa l-oħra, ma hijiex suffiċjenti biex tagħti lok għall-applikazzjoni ta' dak ir-regolament.

19. Meqjus li r-riżultat tal-appell jistrieħ fuq l-interpretazzjoni tal-iskop tar-Regolament Nru 1408/71, il-Conseil d'État talab għal deċiżjoni preliminari dwar id-domanda li ġejja:

"Ġbir [Imposti] fiskali fuq id-dħul mill-patrimonju bħaċ-[CSG], iċ-[CRDS], il-ġbir [imposta] soċjali ta' 2 % u l-kontribuzzjoni addizzjonali [ta' 0.3 %] għal dan il-ġbir, għandhom, minħabba s-sempliċi fatt li jipparteċipaw għall-finanzjament ta' skemi obbligatorji Franċiżi ta' sigurtà soċjali, rabta diretta u rilevanti ma' ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-[Regolament 1408/71] u b'hekk jidħlu fil-kamp ta' dan ir-regolament?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu ppreżentati minn G. de Ruyter, mill-Gvern Franċiż u mill-Kummissjoni Ewropea. Għalkemm il-Gvern Franċiż talab smigħ, ma kien hemm ebda smigħ.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

21. Nibda billi niddeskrivi fil-qosor il-karatteristiċi ewlenin tas-sistema ta' koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri li twaqqfu bir-Regolament Nru 1408/71 u l-kjarifiki importanti magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza [9] dwar meta imposti jaqgħu fl-iskop ta' dak ir-regolament.

22. Iżda kif il-Qorti tal-Ġustizzja espressament enfasizzat, dawk iż-żewġ kawżi kienu jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet soċjali biss sakemm kienu jirrelataw ma'dħul minn impjieg u dħul sostitut miksuba minn persuni impjegati u minn dawk li jaħdmu għal rashom residenti fi Franza u taxxabbli f'dak l-Istat Membru b'rabta ma' impjieg fi Stat Membru ieħor [10]. Għalhekk ngħaddi biex neżamina jekk kontribuzzjonijiet allokati speċifikatament għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali iżda miġbura fuq dħul li *ma jkunx* relatat mal-eżerċizju ta' attività professjonali humiex ukoll irregolati mir-Regolament Nru 1408/71, meqjus l-objettiv ta' dan tal-aħħar li jkun żgurat moviment liberu ta' persuni impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Teżisti wkoll rabta diretta u suffiċjentement rilevanti bejn kontribuzzjonijiet bħal dawn u l-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali?

23. Fl-aħħar nett irrid nindirizza fil-qosor id-domanda jekk il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni, jekk wieħed jassumi li fil-fatt jaqgħu fl-iskop ta' dak ir-Regolament, humiex konsistenti mal-projbizzjoni kontra l-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali kif stabbilit fl-Artikolu 13(1) tiegħu.

Il-gwida mogħtija mill-ġurisprudenza dwar ir-Regolament Nru 1408/71

24. L-Istati Membri huma kompetenti jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom stess [11]. Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, huwa għal kull Stat Membru li jiddetermina l-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dritt jew id-dmir li għandhom ikunu assigurati bi skema ta' sigurtà soċjali, il-livell ta' kontribuzzjonijiet pagabbli minn persuni assigurati [12] u d-dħul li għandu jitqies meta jkunu qed jiġu kkalkulati l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali [13]. Iżda meta jkunu qed jeżerċitaw dik is-setgħa, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni [14].

9 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85).

10 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punt 19) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 18).

11 — Ara, l-iktar reċenti, is-sentenza Salgado González (C-282/11, EU:C:2013:86, il-punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Blanckaert (C-512/03, EU:C:2005:516, punt 49).

13 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Terhoeve (C-18/95, EU:C:1999:22, punt 51) u Derouin (C-103/06, EU:C:2008:185, punti 26 u 27).

14 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Decker (C-120/95, EU:C:1998:167, punt 23), Kohll (C-158/96, EU:C:1998:171, punt 19), Derouin (EU:C:2008:185, punt 25) u Stewart (C-503/09, EU:C:2011:500, punt 77).

25. Ir-Regolament Nru 1408/71 jistabbilixxi sistema ta' koordinazzjoni li tirrigwarda b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jużaw, f'diversi ċirkustanzi, id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment [15]. Ir-Regolament Nru 1408/71 għandu jkun interpretat fid-dawl tal-objettiv segwit mill-Artikolu tat-Trattat li fuqu huwa bbażat (Artikolu 48 TFUE), li huwa li jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' libertà ta' moviment tal-ħaddiema emigranti, bl-iktar mod sħiħ possibbli [16]. Għal dak l-għan, bħalma huwa ċar mill-ħames, mis-sitt u mill-għaxar premessi tiegħu, kif ukoll mill-Artikolu 3 tiegħu, dak ir-regolament jara li jiggarantixxi b'mod effikaċi kemm jista' jkun l-ugwaljanza fit-trattament tal-persuni kollha li jkunu ekonomikament attivi fit-territorju ta' Stat Membru u li ma jippenalizzax ħaddiema li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu.

26. Barra dan, id-dispożizzzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71, li jinkludu l-Artikolu 13(1), jikkostitwixxu sistema kompleta ta' regoli ta' konflitt biex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu iktar jiddeterminaw għal min il-leġiżlazzjoni tagħhom tapplika u t-territorju li fih dik il-leġiżlazzjoni sseħħ [17]. Dawk id-dispożizjonijiet huma maħsuba mhux biss biex ma jħallux ikun hemm l-applikazzjoni simultanja ta' għadd ta' sistemi leġiżlattivi nazzjonali u l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu, iżda wkoll biex jiżguraw li persuni koperti bir-Regolament Nru 1408/71 ma jitħallewx mingħajr ma jkunu koperti b'sigurtà soċjali minħabba li ma jkunx hemm leġiżlazzjoni li tkun applikabbli għalihom [18]. Bħala prinċipju, huwa, għalhekk, kuntrarju għar-Regolament Nru 1408/71, b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu, li persuna jkun jeħtiġilha tħallas kontribuzzjonijiet soċjali fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru stabbilit skont ir-Regolament Nru 1408/71 [19].

27. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71 jagħmilha ċara li skemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali huma suġġetti kollha kemm huma għall-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni [20]. Biex kontribuzzjoni taqa' fl-iskop ta' dak ir-regolament, għandu jkun hemm rabta diretta u suffiċjentement rilevanti bejnha u l-leġiżlazzjoni li tirregola wieħed mill-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 [21]. Il-kriterju deċiżiv dwar dan huwa jekk kontribuzzjoni tkunx allokata speċifikatament biex tiffinanzja skema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru irrispettivament minn jekk jinkisbux benefiċċji inkambju [22]. Fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni dwar dan, minn naħa bejn imposti bħaċ-CSG u ċ-CRDS miġbura fuq dħul minn impjieg jew dħul sostitut, li jkunu "allokati speċifikatament u direttament għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali fi Franza" u, għalhekk, jippreżentaw rabta bħal dik, u, min-naħa l-oħra, imposti "maħsuba li jagħmlu tajjeb għal piż pubbliku ġenerali" [23]. Il-fatt li dawn il-kontribuzzjonijiet kienu kklassifikati bħala taxxi skont leġiżlazzjoni nazzjonali ma kienx ifisser li ma setgħux jitqiesu bħala li jaqgħu fl-iskop tar-Regolament Nru 1408/71 u jinqabdu mill-projbizzjoni tal-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli fl-Artikolu 13(1) [24].

15 — Ara b'mod partikolari r-raba' premessa tar-Regolament Nru 1408/71. Ara wkoll, *inter alia*, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-68/99, EU:C:2001:137, punti 22 u 23), Piatkowski (C-493/04, EU:C:2006:167, punti 19 u 20) u Nikula (C-50/05, EU:C:2006:493, punt 20).

16 — Sentenzi Belbouab (10/78, EU:C:1978:181, punt 5), Hosse (C-286/03, EU:C:2006:125, punt 24), Hudzinski u Wawrzyniak (C-611/10 u C-612/10, EU:C:2012:339, punt 53) u da Silva Martins (C-388/09, EU:C:2011:439, punt 70).

17 — Sentenza Luijten (60/85, EU:C:1986:307, punt 14).

18 — Ara, *inter alia*, is-sentenza Kits van Heijningen (C-2/89, EU:C:1990:183, punt 12). Ara wkoll is-sentenza Partena (C-137/11, EU:C:2012:593, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — Sentenzi Perenboom (102/76, EU:C:1977:71, punt 13) u Aldewereld (C-60/93, EU:C:1994:271, punt 26).

20 — Id-definizzjoni ta' "leġiżlazzjoni" fl-Artikolu 1(j) hija eċċezzjonali għall-wisa' tagħha. Ara, *inter alia*, is-sentenza Bozzone (87/76, EU:C:1977:60, punt 10).

21 — Sentenzi Rheinhold & Mahla (C-327/92, EU:C:1995:144, punti 15 u 23), Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punt 35) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 33).

22 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punt 40), Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 38) u Allard (C-249/04, EU:C:2005:329, punt 16).

23 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punt 37), u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 35).

24 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punt 34), u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 32).

28. Dawk il-prinċipji għandhom konsegwenzi importanti għal din il-kawża għal deċiżjoni preliminari, li fiha ma huwiex ikkontestat li l-kontribuzzjonijiet soċjali miġbura fuq dħul mill-patrimonju huma maħsuba speċifikatament biex jiffinanzjaw ċerti oqsma tas-sigurtà soċjali jew biex jeħilsu d-defiċits tas-sigurtà soċjali fi Franza [25].

29. L-ewwel, il-fatt li ċ-CSG fuq dħul mill-patrimonju titqies skont il-liġi Franċiża bħala taxxa supplimentari fuq dħul milli kontribuzzjoni distinta tas-sigurtà soċjali, u tinġabar u tiġi mmonitorjata mill-awtoritajiet tat-taxxa skont ir-regoli applikabbli għat-taxxa fuq id-dħul, ma għandux rilevanza fuq jekk dik il-kontribuzzjoni hijiex irregolata mir-Regolament Nru 1408/71 jew le. Dik il-konklużjoni ssegwi direttament mill-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza u hija konsistenti mal-għan ta' dak ir-regolament, li huwa li titwaqqaf sistema ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri dwar *inter alia* d-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jużaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment [26]. Meqjusa l-varjetà tal-metodi li bihom is-sigurtà soċjali hija ffinanzjata, inkluża t-tassazzjoni [27], dik il-koordinazzjoni tista' tkun f'periklu kieku l-klassifikazzjoni ta' kontribuzzjoni bħala taxxa skont id-dritt nazzjonali kienet suffiċjenti biex tqegħidha 'l barra mill-iskop tar-Regolament Nru 1408/71.

30. It-tieni, kuntrarju għas-suġġeriment magħmul mill-qorti tar-rinviju u mill-Kummissjoni, il-fatt li l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni ma jintitola lil min iħallashom għall-ebda benefiċċju identifikabbli ma huwiex rilevanti meta jiġi eżaminat jekk dawk il-kontribuzzjonijiet ikollhomx rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat f'Perez Naranjo, jekk teżistix rabta suffiċjentement identifikabbli bejn kontribuzzjoni soċjali u allowance huwa rilevanti għall-finijiet ta' kategorizzazzjoni ta' dik l-allowance bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71. Iżda dik id-domanda hija distinta mill-kwistjoni iktar ġenerali ta' jekk kontribuzzjoni soċjali hijiex koperta mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dak ir-regolament [28].

31. It-tielet, l-argument tal-Gvern Franċiż li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni ma jiħdux post kontribuzzjonijiet soċjali ma huwiex deċiżiv. Huwa minnu li, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza dwar iċ-CSG fuq dħul minn impjieg u dħul sostitut, il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li r-rabta bejn dik il-kontribuzzjoni u l-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali f'dak l-Istat Membru "intweriet ukoll mill-fatt li […] l-imposta ssostitwixxiet parzjalment kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li kienu ta' piż kbir fuq livelli baxxi u medji ta' pagi […]" [29]. Iżda huwa ċar kemm minn dak il-kliem, kif ukoll mill-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma rrimarkat xejn dwar dan fis-sentenza l-oħra tagħha mogħtija fl-istess jum (dwar iċ-CRDS), li ċirkustanza bħal din ma kinitx essenzjali biex ikun stabbilit li teżisti rabta diretta u suffiċjentement rilevanti bejn kontribuzzjoni soċjali u l-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali. B'mod iktar fundamentali, bħala materja ta' prinċipju jidhirli li r-risposta għad-domanda jekk ir-Regolament Nru 1408/71 japplikax għal kontribuzzjoni miġbura minn Stat Membru ma għandhiex tiddependi min-natura tal-kontribuzzjonijiet soċjali miġbura minn dak l-Istat Membru fl-imgħoddi. L-objettiv tal-koordinazzjoni segwit mir-Regolament Nru 1408/71 jiddgħajjef jekk imposti biss introdotti biex jieħdu post kontribuzzjonijiet soċjali li diġà qegħdin hemm kellhom ikunu rregolati minn dak ir-regolament.

25 — Ara l-punt 14 iktar 'il fuq.

26 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-noti ta' qiegħ il-paġna 15 sa 19 iktar 'il fuq.

27 — F'dak ir-rigward ara l-prospett dwar il-prinċipji li jirregolaw il-finanzjament ta' skemi ta' sigurtà soċjali fid-diversi Stati Membri li hemm fil-websajt Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka tal-Unjoni Ewropea dwar Ħarsien Soċjali (Mutual Information System on Social Protection, MISSOC):
www.missoc.org/MISSOC/INFORMATIONBASE/COMPARATIVETABLES/MISSOCDATABASE/comparativeTableSearch_PREVIOUS.jsp
(aċċess tal-25 ta' Awwissu, 2014).

28 — Sentenza Perez Naranjo (C-265/05, EU:C:2007:26, punt 41) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-fatt li ċ-CSG iffinanzjat il-Fonds de solidarité vieillesse (Fond ta' Solidarjetà għall-Anzjanità) kienx ifisser li allowance imħallsa minn dak il-fond kellhiex titqies bħala benefiċċju speċjali mhux kontributorju.

29 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punt 36).

Tagħmel differenza jekk il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni jinġabrux fuq dħul li ma jkollux rabta mal-eżerċizzju ta' attività professjonali?

32. Ngħaddi issa għall-argument ċentrali tal-Gvern Franċiż u tal-Kummissjoni, jiġifieri li kontribuzzjonijiet miġbura fuq dħul li ma jkollux rabta ma' attività professjonali passata jew attwali ma jistgħux ikollhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali u, għalhekk, huma 'l barra mill-iskop tar-Regolament Nru 1408/71.

33. La l-Artikolu 4 u lanqas l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71 ma jagħmlu distinzjoni abbażi tan-natura tad-dħul li fuqu tinġabar kontribuzzjoni soċjali.

34. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu interpretati fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 48 TFUE, li huwa li jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' libertà ta' moviment tal-ħaddiema emigranti, bl-iktar b'mod sħiħ possibbli [30]. Bħalma huwa ċar mit-tmien premessa tar-Regolament Nru 1408/71, il-projbizzjoni tal-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli, stabbilita fl-Artikolu 13(1) hija maħsuba biex ma tħallix li ħaddiema migranti jħabbtu wiċċhom, meta jkunu suġġetti għal diversi settijiet ta' regoli mtennija, ma' kull kumplikazzjoni li żżommhom milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal-libertà tal-moviment [31].

35. Kif naraha jiena, kontribuzzjonijiet bħal dawk inkwistjoni jikkostitwixxu ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema daqs kemm jikkostitwixxu ċ-CSG u ċ-CRDS miġbura fuq dħul minn impjieg jew dħul sostitut.

36. Minn naħa, l-Istat Membru tal-impjieg jista' wkoll jiġbor kontribuzzjonijiet soċjali fuq dħul mill-patrimonju. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja, dak tabilħaqq jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali: il-vitalizji li G. de Ruyter irċieva mill-1997 sal-2004 jidher li kienu inklużi fil-bażi għall-kalkulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet soċjali li huwa ħallas fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-fehma tiegħi, il-prospett li tkun suġġett għal żewġ settijiet ta' imposti soċjali fuq l-istess dħul f'żewġ Stati Membri b'mod ċar aktarx li jiskuraġġixxi lil ħaddiem bħalma huwa G. de Ruyter milli jżomm l-impjieg tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi u jmur joqgħod fi Franza [32].

37. Min-naħa l-oħra, anki meta Stat Membru tal-impjieg ma jiġborx kontribuzzjonijiet soċjali fuq dħul mill-patrimonju, l-inugwaljanza tat-trattament tibqa'.

38. Hawnhekk infakkar li l-prinċipju li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru waħdu għandha tapplika għandu l-għan li jiggarantixxi l-ugwaljanza tat-trattament għall-ħaddiema okkupati fit-territorju ta' Stat Membru kemm jista' jkun b'mod effettiv [33].

39. Fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li r-rekwiżit li ħaddiema li jkunu assigurati fl-Istat Membru tal-impjieg tagħhom ikun jeħtiġilhom jiffinanzjaw barra minn hekk, anki jekk parzjalment biss, l-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru tar-residenza tagħhom jagħti lok għal inugwaljanza fit-trattament skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71,

30 — Ara l-punt 25 iktar 'il fuq.

31 — Sentenzi Kits van Heijningen (EU:C:1990:183, punt 12) u Allard (EU:C:2005:329, punt 28), kif ukoll id-digriet Vogler (C-242/99, EU:C:2000:582, punt 26). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-kawża Il-Kummissjoni vs Franza (C-34/98 u C-169/98, EU:C:1999:392, punt 24).

32 — Skont ġurisprudenza stabbilita, kull ċittadin tal-Komunità li, indipendentement mir-residenza u min-nazzjonalità tiegħu, jaħdem fi Stat Membru ieħor minn dak tar-residenza tiegħu, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE. Ara għal dak il-fini, *inter alia*, is-sentenzi Ritter-Coulais (C-152/03, EU:C:2006:123, punt 31), Renneberg (C-527/06, EU:C:2008:566, punt 36) u S. u G. (C-457/12, EU:C:2014:136, punt 39). Għandi nżid li, skont ġurisprudenza stabbilita, anki restrizzjonijiet żgħar għal dik il-libertà huma pprojbiti sakemm ma jkunux iġġustifikati. Ara, l-iktar reċenti, is-sentenza Zentralbetriebsrat der gemeinnützigen Salzburger Landeskliniken Betriebs (C-514/12, EU:C:2013:799, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — L-għaxar premessa tar-Regolament Nru 1408/71.

minħabba li r-residenti l-oħra kollha f'dak l-Istat ikun jeħtiġilhom jikkontribwixxu biss għall-iskema tas-sigurtà soċjali tal-aħħar [34]. Din l-inugwaljanza fit-trattament tikkostitwixxi awtomatikament ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema li għalih, minħabba dik id-dispożizzjoni, ma jista' jkun hemm ebda ġustifikazzjoni [35].

40. Dak ir-raġunament jista' jiġi traspost għall-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Dawk il-kontribuzzjonijiet li jiġu imposti fuq ir-residenti kollha għal finijiet ta' taxxa fi Franza irrispettivament minn jekk ikunux suġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali fi Stat Membru, iqiegħdu residenti impjegati fi Stat Membru ieħor fi żvantaġġ imqabbla ma' dawk li jkunu impjegati u residenti fi Franza u, għalhekk, jikkontribwixxu biss għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali f'dak l-Istat Membru (u jista' jkun il-każ li l-Istat Membru tal-impjieg jikkumpensa talli ma jiġborx imposti soċjali fuq dħul mill-patrimonju billi jiġbor kontribuzzjonijiet ogħla fuq tipi oħra ta' dħul; jew li, fl-iskema globali tas-sistema tiegħu tas-sigurtà soċjali, joffri biss benefiċċji inqas ġenerużi).

41. Barra dan, filwaqt li huwa minnu li r-Regolament Nru 1408/71 huwa maħsub biex jiżgura l-moviment liberu ta' persuni impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom fl-Unjoni Ewropea, l-eżerċizzju (attwali jew passat) ta' attività professjonali ma huwiex rilevanti meta jiġi eżaminat jekk persuna tkunx koperta minn dak ir-regolament.

42. Skont ġurisprudenza stabbilita, persuna tkun "persuna impjegata" skont it-tifsira tar-Regolament Nru 1408/71 meta hija tkun assigurata, anki fir-rigward ta' riskju wieħed, fuq polza ta' assigurazzjoni ta' bilfors jew b'għażla, skont skema ġenerali jew ta' sigurtà soċjali msemmija fl-Artikolu 1(a) ta' dak ir-regolament, u dan indipendentement mill-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg [36].

43. Għandu jkun segwit approċċ konsistenti meta jkun qed jiġi ddeterminat l-iskop materjali u personali tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71. Il-kunċett ta' "leġiżlazzjoni" skont l-Artikolu 1(j) jiġbor fih il-miżuri kollha li huma speċifikatament maħsuba biex jiffinanzjaw is-sigurtà soċjali. Ma hemmx, għalhekk, fil-fehma tiegħi raġuni wara kollox biex issir distinzjoni li tiddependi min-natura tad-dħul li fuqu finanzjament bħal dan huwa bbażat. Jekk isir hekk jinħolqu, kif naraha jiena, diskrepanzi fil-livell ta' protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 lil persuni li jiċċaqilqu (jew li biħsiebhom jiċċaqilqu) fl-Unjoni Ewropea, skont jekk id-dħul tagħhom globali jirriżultax mill-eżerċizzju ta' attività professjonali, mill-patrimonju jew minn taħlita tat-tnejn.

Il-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw is-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni

44. Ma naċċettax is-sottomissjoni tal-Gvern Franċiż li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 għall-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni tieħu mill-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw il-finanzjament tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom jew mill-kompetenza tagħhom li jintaxxaw.

45. L-Istati Membri għandhom ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni meta jeżerċitaw is-setgħa tagħhom li jorganizzaw l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom [37]. Isegwi li l-fatt li r-regoli nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkonċernaw il-finanzjament tas-sigurtà soċjali permezz tat-tassazzjoni ma jeskludix l-applikazzjoni ta' regoli tat-Trattat, b'mod partikolari dawk relatati mal-libertà tal-moviment għall-ħaddiema [38].

34 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punti 45 sa 48) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punti 42 sa 45).

35 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:84, punti 47 u 48) u Il-Kummissjoni vs Franza (EU:C:2000:85, punti 44 u 45).

36 — Sentenzi Pierik (182/78, EU:C:1979:142, punti 4 u 7), Martínez Sala (C-85/96, EU:C:1998:217, punt 36), Dodl u Oberhollenzer (C-543/03, EU:C:2005:364, punt 31) u Borger (C-516/09, EU:C:2011:136, punt 28). Ir-Regolament Nru 883/2004, li ħassar ir-Regolament Nru 1408/71, jikkodifika dik il-ġurisprudenza, billi jgħid li għandu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru "li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom" (Artikolu 2(1)).

37 — Ara l-punt 24 iktar 'il fuq.

38 — Ara b'analoġija, is-sentenza Terhoeve (EU:C:1999:22, punt 35).

46. Kif osserva l-Avukat Ġenerali La Pergola fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza [39], konklużjoni bħal dik ma titfax dubju dwar il-libertà tal-Istati Membri li jiżguraw il-finanzjament tas-sigurtà soċjali permezz ta' miżuri fiskali. Anzi tikkonċerna l-libertà li jkun hemm taxxa biss sakemm din tal-aħħar tolqot id-dħul ta' ħaddiema migranti jew, b'mod iktar ġenerali, liċ-ċittadini kollha ta' Stat Membru wieħed li, fl-eżerċizzju ta' waħda mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati, ikunu suġġetti jew kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed jew iktar.

47. Barra dan, ma naqsamx il-fehma tal-Gvern Franċiż li l-applikazzjoni tar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Franza għall-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali neċessarjament tfisser li *kull* taxxa li tikkontribwixxi għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali għandha titqies li għandha rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali (il-Gvern Franċiż ressaq dan l-argument speċifikatament fil-kuntest ta' taxxi fuq il-konsum).

48. Minn naħa, biss l-imposti li jkunu *speċifikatament* allokati għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali għandhom jitqiesu bħala li jifformaw parti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar is-sigurtà soċjali u, għalhekk, irregolati mill-projbizzjoni tal-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli stabbilita mir-Regolament Nru 1408/71. Iċ-ċirkustanza biss li parti mid-dħul iġġenerat minn taxxa jikkontribwixxi għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali ma hijiex, għalhekk, suffiċjenti biex iġġib dik it-taxxa fl-iskop ta' dak ir-regolament [40].

49. Min-naħa l-oħra, rabta diretta u suffiċjentement rilevanti naħseb li x'aktarx ma teżistix bejn taxxa fuq il-konsum miġbura fi Stat Membru u l-leġiżlazzjoni li tirregola s-sigurtà soċjali ta' dak l-Istat Membru, ukoll jekk dik it-taxxa tkun allokata speċifikatament għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali [41]. Huwa diffiċli tifhem kif il-fatt biss li persuna assigurata fi Stat Membru wieħed li tkun suġġetta fi Stat Membru ieħor għal taxxi fuq il-konsum speċifikatament allokati għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali tiegħu jista' joħloq kumplikazzjonijiet għal dik il-persuna.

50. B'differenza mit-taxxi fuq id-dħul, it-taxxi fuq il-konsum jinġabru minn Stat fuq ix-xiri ta' prodotti u servizzi fit-territorju tiegħu, irrispettivament mill-post tar-residenza u mill-post tal-impjieg tal-konsumatur. Konsegwentement, jekk persuna bħal G. de Ruyter tixtri prodotti jew servizzi fit-territorju Franċiż, dak il-bejgħ normalment jagħti lok għall-ħlas ta' taxxi fuq il-konsum fi Franza biss, ukoll jekk dik il-persuna tkun impjegata (u assigurata) fi Stat Membru ieħor.

51. Dak huwa ċar fil-kuntest tal-VAT u tad-dazji tas-sisa, li huma rregolati minn sistemi speċifiċi tal-Unjoni mfassla biex tkun evitata taxxa doppja [42]. Iżda b'mod iktar ġenerali, taxxa fuq il-konsum fuq ix-xiri ta' servizzi fi Stat Membru ieħor tikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, restrizzjoni għall-moviment liberu ta' servizzi fl-Unjoni u, għalhekk, bħala prinċipju hija pprojbita, inkluż meta tkun imposta fuq servizzi domestiċi simili [43]. Bl-istess mod jidhirli li jkun diffiċli għal Stat Membru li jimponi taxxa fuq

39 — EU:C:1999:392, punt 2.

40 — Dak ir-raġunament jista' jiġi applikat, pereżempju, għall-VAT miġbura fi Franza. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Gvern Franċiż, 7.85 % tad-dħul minn dik it-taxxa jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-assigurazzjoni għall-mard, assigurazzjoni għall-maternità, assigurazzjoni għall-invalidità u assigurazzjoni għall-mewt f'dak l-Istat Membru.

41 — Skont il-Gvern Franċiż, it-taxxi fuq kuntratti ta' assigurazzjoni għas-saħħa u kontinġenza, fuq il-logħob u l-imħatri sportivi, fuq it-tabakk, fuq xorb alkoħoliku u fuq soft drinks ukoll jikkontribwixxu għall-finanzjament tas-sigurtà soċjali fi Franza.

42 — Ara l-premessa 62 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/EC, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) u l-premesi 30 u 31 u l-Artikolu 33(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/EC, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar [tħassar] id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, p. 12). Huwa ammess li l-VAT dovuta fil-kuntest ta' "provvista intra-Komunitarja" titħallas mill-klijent taxxabbli fl-Istat Membru fejn jaslu l-prodotti, jiġifieri, fejn dak il-klijent ikun stabbilit. F'każ bħal dan, iżda, ebda VAT ma titħallas fl-Istat Membru fejn il-prodotti jkunu nxtraw. Għalhekk, normalment ma jkunx hemm riskju ta' taxxa doppja (ara l-Artikoli 40 sa 42 tad-Direttiva 2006/112).

43 — L-Artikolu 56 TFUE jeżiġi mhux biss it-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza iżda wkoll l-abolizzjoni ta' kull restrizzjoni, ukoll jekk din tapplika indistintivament għall-forniturі nazzjonali ta' servizzi u għal dawk tal-Istati Membri l-oħra, li tista' tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi li jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn hu legalment jipprovdi servizzi analogi. Ara l-iktar reċenti, is-sentenza Duomo Gpa *et* (C-357/10 sa C-359/10, EU:C:2012:283, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

il-konsum fuq ix-xiri ta' prodotti fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jikser il-projbizzjoni dwar imposti li jkollhom effett ekwivalenti bħal dazji tal-importazzjoni jekk ma jkun hemm ebda imposta bħal dik fuq prodotti domestiċi simili [44]. Anki jekk ikun hemm imposta għall-akkwist ta' prodotti simili fit-territorju domestiku, it-taxxa fuq il-konsum neċessarjament iġġib magħha obbligu għall-konsumatur li jiddikjara li huwa jkun xtara l-prodotti inkwistjoni fi Stat Membru ieħor. Dak jagħmel l-akkwist ta' prodotti barra mit-territorju domestiku iktar ikkumplikat. Probabbli, għalhekk, li hija titqies bħala miżura ekwivalenti għal restrizzjoni fuq importazzjoni inkonsistenti mal-Artikolu 34 TFUE [45].

52. Biex niġbor kollox fil-qosor: filwaqt li l-imposti fuq kontribuzzjonijiet soċjali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jista' joħloq kumplikazzjonijiet għal G. de Ruyter minħabba li huwa diġà assigurat fil-Pajjiżi l-Baxxi [46], ma jistax jingħad l-istess dwar taxxi fuq il-konsum li huwa jkollu jħallas meta jixtri prodotti jew servizzi fi Franza. Diffiċli wieħed jikkonċepixxi kif bejgħ bħal dan jista' legalment ikun suġġett għal taxxi addizzjonali fuq il-konsum fi Stat Membru ieħor.

53. B'mod iktar ġenerali, b'differenza mill-imposti miġbura fuq dħul, taxxi fuq il-konsum isiru dovuti (flimkien mal-prezz nett) minħabba li prodott jew servizz jinxtara. L-eżenzjoni ta' persuni li jkunu assigurati bil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru A, u jkunu suġġetti għaliha, milli jħallsu taxxi fuq il-konsum miġbura minn Stat Membru B, li jkunu speċifikatament maħsuba biex jiffinanzjaw l-iskema tas-sigurtà soċjali tiegħu, joħolqu inċentiv biex jinxtraw il-prodotti u s-servizzi msemmija fi Stat Membru B milli fi Stat Membru A. L-iżbilanċ kompetittiv li jirriżulta għall-prodotti u s-servizzi mqiegħda fis-suq fi Stat Membru A (għall-inqas jekk ikunu suġġetti hemmhekk għal taxxi simili fuq il-konsum) ikun diffiċli jiġi rrikonċiljat mal-loġika u mal-ispirtu tas-suq intern.

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71

54. Fl-aħħar nett, il-Gvern Franċiż argumenta li, jekk nassumu li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni huma rregolati mir-Regolament Nru 1408/71, l-impożizzjoni tagħhom tkun inkonsistenti ma' dik id-dispożizzjoni biss jekk il-vitalizji li G. de Ruyter irċieva kienu wkoll suġġetti għal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-Pajjiżi l-Baxxi. F'dak il-kuntest, il-Gvern Franċiż jikkontesta l-pretensjoni ta' G. de Ruyter li huwa ħallas kontribuzzjonijiet soċjali għall-vitalizji tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi [47]. Jirreferi wkoll għas-sentenza Piatkowski, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk dħul partikolari kienx suġġett għal kontribuzzjonijiet soċjali f'*żewġ* Stati Membri [48].

55. Dak l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71.

56. Huwa minnu li l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet soċjali fuq l-istess dħul f'iktar minn Stat Membru wieħed jinqabad minn dik id-dispożizzjoni [49]. Iżda l-iskop ta' din tal-aħħar ma huwiex limitat għal ċirkustanzi bħal dawn. Malli għal persuna jkun japplika l-iskop tar-Regolament Nru 1408/71, ir-regola li tipprojbixxi l-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet, li tinsab fl-Artikolu 13(1), hija regola assoluta suġġetta biss għall-eċċezzjonijiet li hemm fl-Artikoli 14c u 14f [50]. Skont l-Artikolu 13(2)(a), ħaddiem

44 — Artikolu 28(1) TFUE. Il-projbizzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri u ta' imposti li jkollhom effett ekwivalenti tkopri l-imposti kollha miġbura waqt jew minħabba importazzjoni, magħmula speċifikatament fuq prodott importat iżda mhux fuq prodott domestiku simili u, għalhekk, jibdlu l-prezz gross ta' dak il-prodott. Ara s-sentenzi Capolongo (77/72, EU:C:1973:65, punt 12) u Compagnie commerciale de l'Ouest *et* (C-78/90 sa C-83/90, EU:C:1992:118, punt 23).

45 — Ara, pereżempju, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (154/85, EU:C:1987:292, punt 12).

46 — Ara l-punti 35 sa 40 iktar 'il fuq.

47 — Din hija kwistjoni ta' fatt li fl-aħħar mill-aħħar għandha tkun deċiża mill-qorti nazzjonali kompetenti biex tiddeċiedi dwarha. Meqjus dan, il-proċess tal-kawża ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja bid-digriet għar-rinviju jissuġġerixxi li kontribuzzjonijiet soċjali kienu tabilħaqq inġabru fil-Pajjiżi l-Baxxi għall-vitalizji inkwistjoni: ara l-punt 36 iktar 'il fuq.

48 — Sentenza Piatkowski (EU:C:2006:167).

49 — Ara l-punt 26 iktar 'il fuq.

50 — Ara l-punti 37 sa 40 iktar 'il fuq.

impjegat fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri għandu jkun suġġett biss għal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat saħansitra jekk ikun jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li G. de Ruyter huwa impjegat fil-Pajjiżi l-Baxxi iżda jirrisjedi fi Franza. Huwa għandu, għalhekk, ikun suġġett biss għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Pajjiżi l-Baxxi.

57. Konsegwentement, jekk nassumu (kif jiena kkonkludejt iktar 'il fuq) li l-kontribuzzjonijiet soċjali inkwistjoni jippreżentaw rabta diretta u rilevanti b'mod suffiċjenti mal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali fi Franza biex jagħtu lok għar-Regolament Nru 1408/71, li huma jiġu imposti fuq G. de Ruyter ikun ifisser li ma tkunx qed titqies il-projbizzjoni tal-kumulu tal-leġiżlazzjonijiet li tinsab fl-Artikolu 13(1) u r-regola ta' konflitt stabbilita fl-Artikolu 13(2)(a), ta' dak ir-regolament [51]. Jekk il-vitalizji li G. de Ruyter irċieva fil-Pajjiżi l-Baxxi kinux fil-fatt suġġetti għal kontribuzzjonijiet soċjali hemmhekk hija, għalhekk, irrilevanti.

58. Dik il-konklużjoni ma qajmitx dubju dwarha s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Piatkowski. Dik il-kawża kienet dwar is-sitwazzjoni speċifika ta' persuna li kienet simultanjament impjegata fi Stat Membru wieħed u kienet taħdem għal rasha fi Stat Membru ieħor. Bħala eċċezzjoni għall-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71, persuna bħal dik tkun (mhux bħal G. de Ruyter) suġġetta simultanjament għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali fiż-żewġ Stati Membri: hija, għalhekk, ikun jeħtiġilha, bħala prinċipju, tħallas kontribuzzjonijiet bħal dawn skont kif tintalab mil-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru [52]. Iżda l-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li, anki f'dik is-sitwazzjoni, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14c(b) tar-Regolament Nru 1408/71 bħala li jippermetti l-impożizzjoni ta' kontribuzzjonijiet doppji fir-rigward tal-istess dħul tippenalizza ħaddiema li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu u, għalhekk, b'mod ċar tmur kontra l-objettiv ta' dak ir-regolament [53].

Konklużjoni

59. Għar-raġunijiet kollha msemmija iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej b'risposta għad-domanda li għamel il-Conseil d'État:

Kontribuzzjonijiet fuq dħul mill-patrimonju bħall-kontribuzzjoni soċjali ġenerali (iċ-CSG), il-kontribuzzjoni għall-ħlas lura tad-dejn soċjali (iċ-CRDS), l-imposta soċjali ta' 2 % u l-kontribuzzjoni addizzjonali għal din l-imposta inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-leġiżlazzjoni Franċiża li tirregola l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, kif emendat. Huma, għalhekk, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dak ir-regolament.

51 — Kif l-Avukat Ġenerali Warner poġġieha fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Perenboom (102/76, EU:C:1977:57), "ebda Stat Membru ħlief dak li l-leġiżlazzjoni tiegħu […] issir applikabbli [bir-Regolament Nru 1408/71] ma jkun intitolat li jeżiġi kontribuzzjonijiet mingħand il-ħaddiem ikkonċernat".

52 — Artikolu 14c(b) tar-Regolament Nru 1408/71. Ara s-sentenza Piatkowski (EU:C:2006:167, punt 22). Ara wkoll is-sentenza de Jaeck (C-340/94, EU:C:1997:43, punt 39).

53 — Sentenza Piatkowski (EU:C:2006:167, punt 27).